Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 16 ta' Settembru 2022**
**(OR. en)**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2022/0276(NLE)**

**12512/22**
**ADD 1**

**CCG 38**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 15 ta' Settembru 2022 |
| lil: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| Nru dok. Cion: | COM(2022) 455 final Annex |
| Suġġett: | ANNESS ta' Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fir-rigward tad-deċiżjoni tal-Parteċipanti fl-Arranġament dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati biex jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Settorjali dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni għall-Enerġija Rinnovabbli, il-Mitigazzjoni tat-Tibdil fil-Klima u l-Adattament u l-Proġetti tal-Ilma |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 455 final Annex.

---

Mehmuż: COM(2022) 455 final Annex

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.9.2022
COM(2022) 455 final

ANNEX

**ANNESS**

**ta'**

**Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill**

**li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fir-rigward tad-deċiżjoni tal-Parteċipanti fl-Arranġament dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati biex jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Settorjali dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni għall-Enerġija Rinnovabbli, il-Mitigazzjoni tat-Tibdil fil-Klima u l-Adattament u l-Proġetti tal-Ilma**

MT MT

**ANNESS**

**PROPOSTA**

Il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea hija li tappoġġa l-bidliet proposti fil-Ftehim Settorjali dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni għall-Enerġija Rinnovabbli, il-Mitigazzjoni tat-Tibdil fil-Klima u l-Adattament u l-Proġetti tal-Ilma stabbiliti f'dan l-Anness.

Dan jinvolvi bidliet fid-dispożizzjonijiet eżistenti. L-Artikoli stabbiliti hawn taħt jissostitwixxu d-dispożizzjonijiet attwali fl-Arranġament, li jirriżultaw fit-tħassir sħiħ tagħhom tal-Artikoli 2 u 4 attwali, u t-tħassir tal-Appendiċijiet I u II preżenti u s-sostituzzjoni tagħhom bl-Appendiċi I rivedut, inkluż hawn taħt.

**ANNESS IV: FTEHIM SETTORJALI DWAR IL-KREDITI GĦALL-ESPORTAZZJONI GĦAL ENERĠIJA RINNOVABBLI, IL-MITIGAZZJONI U L-ADATTAMENT GĦAT-TIBDIL FIL-KLIMA, U PROĠETTI TAL-ILMA**

L-iskop ta' dan il-Ftehim Settorjali huwa li jipprovdi termini u kundizzjonijiet finanzjarji adegwati għal proġetti f'setturi partikolari identifkati, inkluż f'inizjattivi internazzjonali li jikkontribwixxu b'mod notevoli għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, inkluża l-enerġija rinnovabbli, it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gass serra (greenhouse gas, GHG) u proġetti b'effiċjenza enerġetika għolja, l-adattament għat-tibdil fil-klima, kif ukoll il-proġetti tal-ilma. Il-parteċipanti f'dan il-Ftehim Settorjali jaqblu li t-termini u l-kundizzjonijiet finanzjarji tal-Ftehim Settorjali, li jikkomplimenta l-Arranġament, għandhom jiġu implimentati b'tali mod li jkun konsistenti mal-Iskop tal-Arranġament.

**KAPITOLU I: KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-FTEHIM SETTORJALI**

**1. KAMP TA' APPLIKAZZJONI GĦAS-SETTURI TAL-MITIGAZZJONI TAT-TIBDIL FIL-KLIMA ELIĠIBBLI GĦALL-APPENDIĊI I**

a. Dan il-Ftehim Settorjali jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet finanzjarji li japplikaw għal krediti għall-esportazzjoni appoġġati b'mod uffiċjali marbutin ma' kuntratti f'settur elenkat fl-Appendiċi I ta' dan il-Ftehim Settorjali.

b. It-tali kuntratti għandhom ikunu relatati mal-esportazzjoni ta' proġetti sħaħ jew partijiet minnhom, u dan jinvolvi l-komponenti, l-apparat, il-materjali u s-servizzi kollha (inkluż it-taħriġ ta' persunal) meħtieġa b'mod dirett għall-bini u l-attivazzjoni ta' proġett identifikabbli, dment li:

1. Il-proġett jirriżult**a** f'emissjonijiet tal-karbonju baxxi jew żero, jew ekwivalenti ta' $CO_2$, u/jew f'effiċjenza enerġetika għolja**;**
2. Il-proġett jenħtieġ li jitfassal biex, bħala minimu, jilħaq l-istandards tal-prestazzjoni kif stabbiliti fl-Appendiċi I; kif ukoll
3. Il-patti u l-kundizzjonijiet ipprovduti għandhom jiġu estiżi biss biex jiġu indirizzati żvantaġġi finanzjarji speċifiċi li jiltaqa' magħhom proġett, u għandhom ikunu bbażati fuq il-ħtiġijiet finanzjarji individwali u l-kundizzjonijiet speċifiċi tas-suq ta' kull proġett.

c. Għal kuntratti fis-setturi eliġibbli elenkati fl-Appendiċi I, il-Klassi tal-Proġetti 1, dan il-Ftehim Settorjali jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet finanzjarji li japplikaw għal krediti għall-esportazzjoni appoġġati b'mod uffiċjali relatati ma' kuntratti fis-setturi eliġibbli elenkati fl-Appendiċi I, il-Klassi tal-Proġetti 1 ta' dan il-Ftehim Settorjali għal:

1. L-esportazzjoni ta’ impjanti kompluti tal-enerġija rinnovabbli jew partijiet minnhom, li jinkludu l-komponenti, it-tagħmir, il-materjali u s-servizzi kollha (inkluż it-taħriġ tal-persunal) meħtieġa direttament għall-kostruzzjoni u l-ikkummissjonar ta’ tali impjanti.

2. Il-modernizzazzjoni ta’ impjanti eżistenti ta’ enerġija rinnovabbli f’każijiet fejn il-ħajja ekonomika tal-impjant x’aktarx li tiġi estiża b’mill-inqas il-perjodu ta’ ħlas lura li għandu jingħata. Jekk ma jkunx issodisfat dan il-kriterju, japplikaw it-termini tal-Arranġament.

d. Dan il-Ftehim Settorjali ma japplikax għal oġġetti li jinstabu barra l-konfini tas-sit tal-impjant tal-enerġija li għalih ix-xerrej huwa ġeneralment responsabbli, b’mod partikolari, il-provvista tal-ilma mhux direttament marbuta mal-impjant tal-produzzjoni tal-enerġija, l-ispejjeż assoċjati mal-iżvilupp tal-art, toroq, il-bini ta’ villaġġi, linji tal-enerġija u ċentru fejn jinġemgħu l-ferroviji tal-merkanzija, kif ukoll spejjeż li ġejjin mill-pajjiż tax-xerrej minn proċeduri uffiċjali ta’ approvazzjoni (eż. permessi tas-sit, permess għall-bini), ħlief:

1. F’każijiet fejn ix-xerrej taċ-ċentru fejn jinġemgħu l-ferroviji tal-merkanzija ikun l-istess bħax-xerrej tal-impjant tal-enerġija u l-kuntratt jiġi konkluż fir-rigward taċ-ċentru fejn jinġemgħu l-ferroviji tal-merkanzija oriġinali għal dak l-impjant tal-enerġija, it-termini u l-kundizzjonijiet għaċ-ċentru fejn jinġemgħu l-ferroviji tal-merkanzija oriġinali ma għandhomx jaqbżu dawk għall-impjant tal-enerġija rinnovabbli; kif ukoll

2. It-termini u l-kundizzjonijiet għas-substazzjonijiet, t-trasformaturi u l-linji ta’ trażmissjoni b’limitu ta’ vultaġġ minimu ta’ 60 kV li jinsabu ’il barra mill-konfini tas-sit tal-impjant tal-enerġija rinnovabbli ma għandhomx ikunu aktar ġenerużi minn dawk għall-impjant tal-enerġija rinnovabbli.

**[…]**

## KAPITOLU II: DISPOŻIZZJONIJIET GĦALL-KREDITI GĦALL-ESPORTAZZJONI

### 4. IT-TERMINI MASSIMI TA’ RIPAGAMENT

Għall-krediti għall-esportazzjoni appoġġati b’mod uffiċjali relatati ma’ kuntratti fis-setturi elenkati fl-Appendiċi I, it-terminu massimu ta’ ripagament huwa ta’ 25 sena.

**[…]**

## KAPITOLU III: PROĊEDURI

### 5. NOTIFIKA MINN QABEL

a. Parteċipant li biħsiebu jipprovdi appoġġ skont id-dispożizzjonijiet ta’ dan il-Ftehim Settorjali, għandu jagħti notifika minn qabel mill-inqas għaxart ijiem kalendarji qabel ma joħroġ kwalunkwe impenn, skont l-Artikolu 45 tal-Arranġament.

b. Tali notifiki għandhom jinkludu deskrizzjoni aktar dettaljata tal-proġett sabiex juru kif il-proġett jikkonforma mal-kriterji għall-appoġġ, kif stabbilit fl-Artikolu 1 jew 2 ta’ dan il-Ftehim Settorjali.

c. Għal proġetti appoġġati f’konformità mal-Appendiċi II ta’ dan il-Ftehim Settorjali, tali notifika għandha tinkludi informazzjoni dwar l-istandards tekniċi jew ta’ prestazzjoni li qed jiġu applikati, kif ukoll it-tnaqqis mistenni fl-emissjonijiet.

d. Għal proġetti appoġġati f'konformità mal-Appendiċi II ta' dan il-Ftehim Settorjali, tali notifika għandha tinkludi l-eżitu ta' kwalunkwe rieżami minn parti terza indipendenti.

## KAPITOLU IV MONITORAĠĠ U RIEŻAMI

### 6. XOGĦOL FUTUR

Il-Parteċipanti jaqblu li jeżaminaw il-kwistjonijiet li ġejjin:

a. Primjums tar-riskju aġġustati skont it-terminu.

b. Kundizzjonijiet għal impjanti tal-enerġija mill-fjuwils fossili b'emissjonijiet baxxi/effiċjenza tal-enerġija għolja inkluża d-definizzjoni tat-tlestija għas-CCS.

c. Bini mingħajr konsum nett ta' enerġija.

d. Proġetti taċ-ċelluli tal-fjuwil.

e. Standard ta' emissjonijiet

f. Kontabbiltà u rappurtar tal-emissjonijiet

g. Trasport fuq l-ilma b'emissjonijiet baxxi

### 7. MONITORAĠĠ U RIEŻAMI

a. Is-Segretarjat għandu jirrapporta b'mod annwali dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim Settorjali. Dan ir-rapport se jiddokumenta l-eżiti ta' kwalunkwe proċedura ta' diskussjoni skont l-Artikolu 45 tal-Arranġament. Dan se jinkludi sommarju għar-rilaxx pubbliku.

b. Il-parteċipanti għandhom jirrieżaminaw regolarment il-kamp ta' applikazzjoni u dispożizzjonijiet oħra ta' dan il-Ftehim Settorjali. Għal aktar ċertezza, se jsir rieżami sa tmiem l-2028 jew wara li jkunu saru 50 tranżazzjoni tas-CCSU, skont liema jseħħ l-ewwel. Dan ir-rieżami se jkun ibbażat fuq l-ammont ta' esperjenza żviluppata mill-proċess ta' notifika kif ukoll fuq valutazzjoni tal-kundizzjonijiet tas-suq għal teknoloġiji relatati mal-klima.

## APPENDIĊI I: KRITERJI TA' ELIĠIBBILTÀ GĦAL PROĠETTI DWAR IL-MITIGAZZJONI TAT-TIBDIL FIL-KLIMA

| Klassi u Tip ta' Proġett | Definizzjoni | Raġuni | Standards | Termini speċifiċi |
|---|---|---|---|---|
| **Il-KLASSI TAL-PROĠETTI A: Produzzjoni tal-elettriku ambjentalment sostenibbli**<br>*[Jinkludi l-kontenut eżatt tal-Artikolu 1 u l-Appendiċi I attwali, kif ukoll il-produzzjoni tal-elettriku mill-idroġenu.]* | | | | |
| **TIP 1: Proġetti tal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika fi proġetti tal-enerġija rinnovabbli** | *Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 1 u l-Appendiċi I attwali. Mhux qed nipprevedu li dan jista' jinvolvi li wieħed sempliċiment jikkopja u jippejstja l-Appendiċi I fil-kaxxa "Definizzjoni", peress li d-definizzjoni effettiva ta' proġetti eliġibbli tinsab fl-Artikolu 1, iżda fis-sustanza, aħna nipproponu li hawnhekk nirriflettu l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 1 u l-Appendiċi I attwali, mingħajr ebda bidla fis-sustanza (jiġifieri l-ebda standard, mhux applikabbli) u l-aġġustamenti tat-test meħtieġa ta' natura formali.* | | | |
| **TIP 2: Il-produzzjoni tal-elettriku minn fjuwils gassużi u likwidi ta' oriġini** | Il-kostruzzjoni u t-tħaddim ta' faċilitajiet tal-ġenerazzjoni tal-elettriku li jipproduċu l-elettriku bl-użu ta' fjuwils gassużi u likwidi ta' oriġini | Produzzjoni tal-elettriku b'emissjonijiet baxxi ta' gassijiet | L-emissjonijiet ta' GHG tul iċ-ċiklu tal-ħajja mill-ġenerazzjoni tal-elettriku huma inqas minn 100g$CO_2$e/kWh. L-emissjonijiet ta' GHG tul iċ-ċiklu tal-ħajja jenħtieġ li jiġu kkalkulati abbażi ta' *data* | 25 sena. *[Għad irid jiġi diskuss]* |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **rinnovabbli, inkluż l-idroġenu nadif** | rinnovabbli, inkluż l-idroġenu nadif. | serra. | speċifika għall-proġett, bl-użu tal-ISO 14067:2018 jew ISO 14064-1:2018, u vverifikati minn parti terza.<br><br>Jew fil-kostruzzjoni, jiġi installat tagħmir tal-kejl għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet fiżiċi, bħat-tnixxija tal-metan jew jiġi introdott programm ta' detezzjoni u tiswija tat-tnixxijiet; matul il-ħidma, jiġi rrapportat il-kejl fiżiku tal-emissjonijiet tal-metan u t-tnixxija tiġi eliminata. | |
| **IL-KLASSI TAL-PROĠETTI B: Proġetti ta' rimedju f'impjanti tal-fjuwils fossili, sostituzzjoni tal-fjuwils fossili**<br>*[Il-kontenut eżatt tal-Appendiċi II, il-klassi tal-proġetti A, it-tip 1, u l-klassi tal-proġetti B. Aħna nosservaw li n-numerazzjoni mill-ġdid tal-klassi tal-proġetti A, tat-tip 1, jenħtieġ li tiġi riflessa fl-Artikolu 6c tal-Arranġament.]* | | | | |
| *Ikkopja u ppejstja l-kontenut attwali tal-Appendiċi II, il-klassi tal-proġetti A, it-tip 1, u l-klassi tal-proġetti B.*<br><br>*Spjegazzjonijiet: Nissuġġerixxu li l-klassi tal-proġetti A tinqasam fi tnejn, biex ikun hemm distinzjoni ċara bejn il-proġetti tas-CCUS bħala tali (li jista' jkollhom ħafna applikazzjonijiet, mhux biss fis-settur tal-enerġija, iżda wkoll fil-manifattura, u li aħna mexxejna għall-klassi tal-proġetti D il-ġdida) u proġetti ffukati fuq il-ġenerazzjoni tal-elettriku mill-fjuwils fossili (li aħna nissuġġerixxu li kollha jinġabru flimkien fil-klassi tal-proġetti B il-ġdida). Preċedentement, l-UE indikat il-ħtieġa li jiġu aġġornati l-istandards attwali f'din it-taqsima, iżda għalissa nistgħu naqblu li dan jiġi indirizzat fi stadju aktar tard tad-diskussjonijiet.* | | | | |
| **IL-KLASSI TAL-PROĠETTI C: Effiċjenza enerġetika**<br>*[Kontenut eżatt tal-Appendiċi II, il-klassi tal-proġetti C.]* | | | | |
| *Ikkopja u ppejstja l-kontenut attwali tal-Appendiċi II, il-klassi tal-proġetti C.* | | | | |
| **IL-KLASSI TAL-PROĠETTI D: Il-ġbir, l-użu u l-ħżin tas-$CO_2$**<br>*[Kamp ta' applikazzjoni tal-Appendiċi II attwali, il-klassi tal-proġetti A, tip 2. Hawnhekk qed nipproponu standards aġġornati, biex jirriflettu l-fatt li s-CCUS hija teknoloġija ewlenija biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra f'ħafna applikazzjonijiet industrijali u l-istandards jenħtieġ li ma jkunux ffukati fuq ir-rata ta' qbid iżda fuq l-effettività tal-qbid, li jfisser li l-proġetti tas-CCUS jenħtieġ li jkunu eliġibbli għal inċentivi anke jekk ir-rata ta' qbid tkun baxxa. Ir-raġunament għall-istandards il-ġodda proposti huwa li t-tnixxija tas-$CO_2$ tista' ddgħajjef il-valur tas-CCUS bħala għażla ta' mitigazzjoni. Għalhekk il-monitoraġġ jenħtieġ li jitħeġġeġ permezz ta' dispożizzjonijiet ta' politika.]* | | | | |
| **TIP 1: Proġetti tas-CCUS (Qbid u Ħżin tal-Karbonju) bħala tali** | Il-kostruzzjoni u t-tħaddim ta' faċilitajiet li jipprovdu l-Użu u/jew il-Ħżin tal-Qbid tal-Karbonju, inkluż attivitajiet relatati direttament mat-trasport u l-infrastruttura essenzjali għall-operazzjoni, bħal vetturi u vapuri. | *Ikkopja u ppejstja l-kontenut attwali f'Appendiċi II, il-klassi tal-proġetti A, tip 2.* | Is-$CO_2$ trasportat mill-installazzjoni fejn jinqabad lejn il-punt ta' injezzjoni ma jwassalx għal tnixxijiet ta' $CO_2$ ogħla minn 0,5 % mill-massa tas-$CO_2$ trasportat.<br><br>Fejn ikunu involuti t-trasport u/jew il-ħżin tas-$CO_2$, ikun hemm fis-seħħ sistemi xierqa ta' detezzjoni ta' tnixxijiet u pjan ta' monitoraġġ, b'rapporti regolari vverifikati mill-awtoritajiet nazzjonali jew minn parti terza indipendenti.<br><br>Il-ħżin ġeoloġiku ta' $CO_2$ jikkonforma mal-ISO 27914: 2017. | *Ikkopja u ppejstja l-kontenut attwali f'Appendiċi II, il-klassi tal-proġetti A, tip 2.* |
| **IL-KLASSI TAL-PROĠETTI E: Ħżin tal-elettriku** | | | | |
| **TIP 1: Faċilitajiet tal-ħżin tal-** | Il-kostruzzjoni u t-tħaddim ta' faċilitajiet li jaħżnu l-elettriku u | Il-ħżin tal-elettriku jippermetti | Jekk l-attività tinkludi l-ħżin tal-enerġija kimika, il-mezz tal-ħżin (idroġenu jew | 25 sena *[Għad irid* |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **elettriku** | jikkonvertuh f'elettriku. Dan jinkludi l-ħżin tal-enerġija idroelettrika ppumpjata. | penetrazzjoni akbar ta' sorsi rinnovabbli u ġestjoni aħjar tad-domanda fuq il-grilja. | ammonijaka) jikkonforma mal-istandards tas-CCSU għall-manifattura nadifa tal-prodott korrispondenti. | *jiġi diskuss]* |
| **TIP 2: Produzzjoni u r-riċiklaġġ tal-batteriji** | Il-manifattura ta' batteriji rikarikabbli, kif ukoll ta' pakketti ta' batteriji u akkumulaturi għat-trasport, għall-ħżin tal-enerġija stazzjonarja u mhux kollegata mal-grilja u għal applikazzjonijiet industrijali oħra. Dan jinkludi l-manifattura ta' komponenti rispettivi (materjali attivi tal-batteriji, ċelluli tal-batteriji, kejsings u komponenti elettroniċi). Ir-riċiklaġġ ta' batteriji fi tmiem ħajjithom. | Il-batteriji huma faċilitatur importanti għall-ħżin tal-elettriku, kif ukoll għat-trasport b'livell baxx ta' karbonju. | L-ebda standard. Mhux applikabbli. | 25 sena. *[Għad irid jiġi diskuss]* |
| **IL-KLASSI TAL-PROĠETTI F: Trażmissjoni u distribuzzjoni ta' elettriku b'livell baxx ta' karbonju** | | | | |
| **TIP 1:**<br>**Trażmissjoni u distribuzzjoni ta' elettriku b'livell baxx ta' karbonju** | Il-kostruzzjoni, l-espansjoni u t-tħaddim ta' faċilitajiet li jittrasportaw l-elettriku b'livell baxx ta' karbonju. Dan jinkludi konnessjonijiet diretti ma' sorsi b'livell baxx ta' karbonju u networks sħaħ fejn il-fattur medju tal-grilja tas-sistema jissodisfa l-istandards fuq perjodu kontinwu ta' ħames snin. | Dan jappoġġa penetrazzjoni ogħla ta' sorsi tal-enerġija b'livell baxx ta' karbonju. | Sorsi tal-elettriku b'livell baxx ta' karbonju huma definiti bħala sorsi rinnovabbli jew fejn l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-elettriku prodott ikunu taħt il-valur limitu ta' 100 $gCO_2e/kWh$ imkejla fuq bażi taċ-ċiklu tal-ħajja.<br>*[Kif imsemmi qabel u fid-dokument tagħna għat-tielet pakkett dwar l-enerġija, aħna lesti niddiskutu kriterji ta' eliġibbiltà addizzjonali.]* | 25 sena. *[Għad irid jiġi diskuss]* |
| **IL-KLASSI TAL-PROĠETTI G: Il-produzzjoni tal-idroġenu nadif, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-idroġenu u l-ħżin tal-idroġenu** | | | | |
| **TIP 1:**<br>**Produzzjoni ta' idroġenu nadif** | Il-kostruzzjoni u t-tħaddim ta' faċilitajiet li jipproduċu l-idroġenu b'mod ambjentalment sostenibbli, u/jew ta' tagħmir għall-produzzjoni tal-idroġenu. | Il-produzzjoni u l-użu sostenibbli tal-idroġenu huma opportunità għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra f'ħafna setturi, speċjalment l-enerġija, il-manifattura u t-trasport. | Il-manifattura tikkonforma mal-emissjonijiet GHG tul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' inqas minn 3 kg ta' $CO_2e$ għal kull kg ta' $H_2$ prodott.<br>*[L-istandards jenħtieġ li jiġu rieżaminati regolarment. Dan jista' jiġi mmarkat bħala parti minn klawżola ta' rieżami ġenerali.]* | 25 sena. *[Għad irid jiġi diskuss]* |
| **TIP 2:**<br>**Networks tat-trasport tal-idroġenu** | Il-kostruzzjoni u t-tħaddim ta' networks iddedikati għat-trasport tal-idroġenu jew gassijiet oħra b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju (jiġifieri minn sors rinnovabbli jew li jaqblu mal-istandard għall-produzzjoni tal-idroġenu nadif).<br>L-għoti ta' skop ġdid lin-networks tal-gass naturali għal 100 % idroġenu u l-modifika retroattiva tan-networks tal-gass naturali | Il-produzzjoni u l-użu sostenibbli tal-idroġenu huma opportunità għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra f'ħafna setturi, speċjalment l-enerġija, il-manifattura u t-trasport. | L-attività tinkludi d-detezzjoni u t-tiswija ta' tnixxijiet f'pipelines eżistenti tal-gass u f'elementi oħrajn tan-network sabiex titnaqqas it-tnixxija tal-metan. | 25 sena. *[Għad irid jiġi diskuss]* |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | li jippermettu l-integrazzjoni tal-idroġenu u gassijiet oħra b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju (jiġifieri li tiżdied it-taħlita tal-idroġenu u gassijiet oħra b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fis-sistema). | | | |
| **TIP 3:**<br>**Il-ħżin tal-idroġenu** | Il-kostruzzjoni ta' faċilitajiet għall-ħżin tal-idroġenu, il-konverżjoni ta' faċilitajiet tal-ħżin tal-gass taħt l-art f'faċilitajiet tal-ħżin iddedikati għall-ħżin tal-idroġenu u t-tħaddim tal-faċilitajiet tal-ħżin tal-idroġenu. | Il-produzzjoni u l-użu sostenibbli tal-idroġenu huma opportunità għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra f'ħafna setturi, speċjalment l-enerġija, il-manifattura u t-trasport. | Fil-każ ta' proġetti marbuta mat-tħaddim tal-faċilitajiet, l-idroġenu maħżun fil-faċilità jenħtieġ li jissodisfa l-istandards għall-produzzjoni tal-idroġenu nadif minn dan l-Appendiċi. | 25 sena. *[Għad irid jiġi diskuss]* |
| **IL-KLASSI TAL-PROĠETTI H: Manifattura b'emissjonijiet baxxi** | | | | |
| **TIP 1:**<br>**Produzzjoni tal-ammonijaka nadifa** | Manifattura b'emissjonijiet baxxi ta' ammonijaka anidra. | Il-promozzjoni tal-produzzjoni ta' ammonijaka nadifa u l-użi tagħha li għandhom il-potenzjal li jnaqqsu l-emissjonijiet tal-GHG f'diversi oqsma. | L-ammonijaka tiġi prodotta minn idroġenu nadif prodott skont l-istandards definiti f'dan l-Appendiċi jew tiġi rkuprata mill-ilma mormi. | 25 sena. *[Għad irid jiġi diskuss]* |
| **TIP 2:**<br>**Manifattura b'emissjonijiet baxxi f'setturi li diffiċli sabiex jitrażżanu (inkluż is-siment, il-ħadid, l-azzar u l-aluminju)** | Manifattura b'emissjonijiet baxxi inkluż impjanti tal-manifattura kompluti u parti minnhom, provvisti ta' tagħmir u infrastruttura u servizzi assoċjati direttament. | Biex il-manifatturi jiġu inċentivati jersqu lejn prattiki sostenibbli f'setturi li diffiċli sabiex jitrażżanu. | L-UE tipproponi li l-attivitajiet li ġejjin ikunu eliġibbli abbażi ta' valur ta' referenza għall-ogħla livell li jnaqqas l-emissjonijiet tal-installazzjonijiet tal-manifattura[1]:<br><br><u>Għas-siment:</u><br><br>a) Klinker tas-siment griż fejn l-emissjonijiet speċifiċi ta' GHG ikunu inqas minn 0,722 $tCO_2e$ għal kull tunnellata ta' klinker tas-siment griż;<br><br>b) Siment minn klinker griż jew legant idrawliku alternattiv, fejn l-emissjonijiet speċifiċi ta' GHG mill-klinker u mis-siment jew minn produzzjoni ta' legant alternattiv ikunu inqas minn 0,469 $tCO_2e$ għal kull tunnellata ta' siment jew ta' legant alternattiv manifatturat. | 25 sena. *[Għad irid jiġi diskuss]* |

1 Il-valuri ta' referenza huma bbażati fuq il-parametru referenzjarju tal-Iskema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-Emissjonijiet (Emissions Trading Scheme, ETS), fejn il-valuri ta' referenza dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-manifattura ta' prodott partikolari huma derivati mill-intensitajiet medji tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta'10 % mill-aktar installazzjonijiet effiċjenti madwar l-UE.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | Għall-ħadid u l-azzar:<br><br>a) Ħadid u l-azzar fejn l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, imnaqqsa bl-ammont ta' emissjonijiet assenjati għall-produzzjoni ta' gassijiet ta' skart ma jaqbżux il-valuri li ġejjin applikati għall-istadji differenti tal-proċess ta' manifattura:<br><br>a. metall jaħraq = 1,331 $tCO_2e/t$ prodott;<br>b. minerali sinterizzati = 0,163 $tCO_2e/t$ prodott;<br>c. kokk (minbarra kokk tal-linjite) = 0,144 $tCO_2e/t$ prodott;<br>d. ħadid fondut = 0,299 $tCO_2e/t$ prodott;<br>e. azzar illigat ħafna ta' forn bl-ark elettriku (electric Arc Furnace EAF) = 0,266 tCO2e/t prodott;<br>f. azzar bil-karbonju ta' Forn bl-Ark Elettriku (EAF) = 0,209 tCO2e/t prodott.<br><br>b) Azzar fi fran b'ark elettriku (electric arc furnaces, EAFs) li jipproduċu azzar bil-karbonju EAF jew azzar b'liga għolja EAF, u fejn id-dħul tar-ruttam tal-azzar relattiv għall-produzzjoni tal-prodott ma jkunx inqas minn 70 % għall-produzzjoni tal-azzar illigat ħafna u 90 % għall-produzzjoni tal-azzar bil-karbonju.<br><br>Għall-aluminju:<br><br>a) Aluminju primarju fejn l-attività ekonomika tikkonforma mal-kriterji li ġejjin:<br><br>a. L-emissjonijiet ta' GHG li ma jaqbżux l-1,484 $tCO_2$ għal kull tunnellata ta' aluminju manifatturata.<br>b. L-intensità medja tal-karbonju għall-emissjonijiet indiretti tal-gassijiet serra ma taqbiżx il-100 g $CO_2e/kWh$. c. Il-konsum tal-elettriku għall-proċess tal-manifattura ma jaqbiżx il-15,5 MWh/t Al.<br><br>b) L-aluminju sekondarju.<br><br>*[L-istandards jenħtieġ li jiġu rieżaminati regolarment. Dan jista' jiġi mmarkat bħala parti minn klawżola ta' rieżami ġenerali.]* | |
| **IL-KLASSI TAL-PROĠETTI I: Trasport b'emissjonijiet żero u baxxi** | | | | |
| **TIP 1:**<br><br>**Trasport b'emissjonijiet żero u infrastruttura** | Flotot b'emissjonijiet diretti żero inklużi vetturi għat-trasport bit-triq, bil-ferrovija u fuq l-ilma u infrastruttura assoċjata[2] essenzjali għat-tħaddim ta' tali vetturi. | It-tranżizzjoni lejn flotot b'emissjonijiet diretti żero u baxxi mill-pajp tal- | L-emissjonijiet diretti tas-$CO_2$ mill-pajp tal-egżost min-naħa tal-assi mobbli huma żero. | 25 sena. *[Għad irid jiġi diskuss]* |

[2] Dan jinkludi: Għat-toroq: il-kostruzzjoni, il-modernizzazzjoni, il-manutenzjoni u t-tħaddim tal-installazzjonijiet tal-iċċarġjar elettriku u tar-rifornimento tal-idroġenu. Għall-ferrovija: assi tal-infrastruttura tat-trasport fuq il-binarji kif speċifikati fl-RSU, kif ukoll infrastruttura elettrifikata maġenb il-binarji u subsistemi assoċjati, l-elettrifikazzjoni tal-infrastruttura eżistenti u l-installazzjonijiet iddedikati biex jaqilbu minn modi oħra ta' trasport għal ferroviji b'emissjonijiet diretti żero. Għall-ilma: l-

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **abilitanti** | | egżost hija kruċjali biex tinkiseb il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. | Fil-każ tat-trasport tal-merkanzija biss, il-vetturi, il-ferroviji, il-vaguni jew il-bastimenti mhumiex iddedikati għat-trasport tal-fjuwils fossili u l-infrastruttura mhijiex iddedikata għat-trasport jew għall-ħżin tal-fjuwils fossili. | |
| **TIP 2:**<br><br>**Trasport fuq l-ilma b'emissjonijiet baxxi** | Bastimenti tal-ilma b'emissjonijiet baxxi. | It-tranżizzjoni lejn flotot b'emissjonijiet diretti żero u baxxi mill-pajp tal-egżost hija kruċjali biex tinkiseb il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. | Għal trasport ta' passiġġieri fuq l-ilma intern Il-bastimenti ibridi u li jużaw żewġ tipi ta' fjuwil jiksbu mill-inqas 50 % tal-enerġija tagħhom minn fjuwils tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ diretti żero (mill-pajp tal-egżost) jew mill-provvista tal-elettriku plug-in għat-tħaddim normali tagħhom.<br><br>Għat-trasport intern tal-merkanzija: Il-bastimenti għandhom emissjonijiet diretti (mill-pajp tal-egżost) ta' $CO_2$ għal kull tunnellata-kilometru, ikkalkulati (jew stmati fil-każ ta' bastimenti ġodda) bl-użu tal-Indiċi Operattiv tal-Effiċjenza Enerġetika (Energy Efficiency Operational Indicator, EEOI) żviluppat mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (International Maritime Organisation, IMO), li huma ta' 50 % inqas mill-valur ta' referenza medju għall-emissjonijiet ta' $CO_2$ għal vetturi heavy-duty abbażi ta' standard internazzjonali jew kwalunkwe standard rikonoxxut ieħor.<br><br>Għat-trasport ta' merkanzija u passiġġieri bil-baħar u kostali, kif ukoll bastimenti għal operazzjonijiet portwarji, attivitajiet awżiljarji u operazzjonijiet speċjalizzati: Il-bastimenti ibridi u li jużaw żewġ tipi ta' fjuwil jiksbu mill-inqas 25 % tal-enerġija tagħhom minn fjuwils b'emissjonijiet diretti tas-$CO_2$ żero (mill-pajp tal-egżost) jew provvista tal-elettriku plug-in għat-tħaddim normali tagħhom fil-baħar u fil-portijiet. Alternattivament, il-bastimenti jkunu kisbu valur tal-Indiċi tal-Effiċjenza Enerġetika tad-Disinn (Energy Efficiency Design Index, EEDI) tal-IMO ta' 10 % inqas mir-rekwiżiti tal-EEDI applikabbli jekk il-bastimenti jkunu jistgħu jaħdmu bi fjuwils b'emissjonijiet diretti ta' $CO_2$ żero (mill-pajp tal-egżost) jew bi fjuwils minn sorsi rinnovabbli.<br><br>Il-possibbiltà ta' bidla modali mit-triq għall-ilma: Jekk il-bastimenti jintużaw esklussivament għat-tħaddim ta' servizzi kostali u fuq distanzi qosra mfassla biex jippermettu bidla modali tal-merkanzija attwalment ittrasportata mill-art għall-baħar, huwa biżżejjed li l-bastimenti jkollhom emissjonijiet diretti ta' $CO_2$ (mill-pajp tal-egżost), ikkalkulati bl-użu tal-EEDI tal-IMO, ta' 50 % inqas mill-valur medju ta' referenza tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ għal vetturi heavy-duty abbażi ta' standard internazzjonali jew kwalunkwe standard rikonoxxut ieħor. | 25 sena.<br>*[Għad irid jiġi diskuss]* |

iċċarġjar elettriku u r-rriforniment tal-fjuwil abbażi tal-idroġenu, l-infrastruttura ddedikata għall-forniment tal-enerġija elettrika mill-art lill-bastimenti rmiġġati, għall-prestazzjoni tal-operazzjonijiet proprji tal-port b'emissjonijiet diretti żero u għall-installazzjonijiet għall-qlib minn modalità oħra għal bastimenti b'emissjonijiet diretti żero.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | *[Aħna nipproponu li dan it-tip ta' proġett jiġi rivedut fl-2025. Dan jista' jiġi mmarkat bħala parti minn klawżola ta' rieżami ġenerali.]* | |
| **TIP 3:**<br><br>**Modifika retroattiva u titjib għat-trasport fuq l-ilma** | Modifika retroattiva u titjib tal-bastimenti biex jitnaqqsu l-emissjonijiet. | It-tranżizzjoni lejn flotot b'emissjonijiet diretti żero u baxxi mill-pajp tal-egżost hija kruċjali biex tinkiseb il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. | Il-konsum tal-fjuwil tal-bastiment jitnaqqas b'mill-inqas 10 % espress f'litru ta' fjuwil għal kull tunnellata-kilometru u dan jintwera b'mod ċar permezz ta' kalkolu komparattiv. Il-bastimenti mmodifikati b'mod retroattiv mhumiex iddedikati għat-trasport tal-fjuwils fossili.<br><br>*[Nipproponu li dan it-tip ta' proġett jiġi rivedut fl-2025. Dan jista' jiġi mmarkat bħala parti minn klawżola ta' rieżami ġenerali.]* | 25 sena. *[Għad irid jiġi diskuss]* |
| **TIP 4:**<br><br>**Infrastruttura tal-ajruporti b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju** | Il-kostruzzjoni, il-modernizzazzjoni, il-manutenzjoni u t-tħaddim ta' infrastruttura tal-ajruport b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, jiġifieri ddedikata għall-operat ta' inġenji tal-ajru b'emissjonijiet ta' $CO_2$ żero mill-egżost, għall-forniment ta' enerġija elettrika fissa fuq l-art u ta' arja prekundizzjonata lil inġenji tal-ajru stazzjonarji jew għall-prestazzjoni ta' emissjonijiet diretti żero tal-operazzjonijiet tal-ajruport stess. | It-tranżizzjoni lejn flotot b'emissjonijiet diretti żero u baxxi mill-egżost hija kruċjali biex tinkiseb il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. | L-ebda standard. Mhux applikabbli. | 25 sena. *[Għad irid jiġi diskuss]* |